Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 65/2010

**Patrick Xuereb (I.D. Card Nru. 104673M)
Vs
James Reeves (I.D. Card Nru. 35153A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta’ l-attur permezz ta’ liema jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas l-ammont ta’ hamest elef u hamsa u ghoxrin Euro (€5,025) rapprezentanti bilanc ta’ self moghti lill-konvenut mill-attur; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 611/2010, u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament.

Rat li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bir-Rikors promotur izda huwa ma kkonstestahx fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut u li l-istess konvenut naqas li jidher sabiex

jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet ix-xhieda ta’ l-attur Patrick Xuereb waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2010 fejn spiega l-bazi tal-kreditu tieghu fil-konfront tal-konvenut u kkonferma li l-ammont minnu mitlub fir-Rikors promotur ghadu dovut.

Ikkunsidrat :

Illi l-ispiegazzjoni li ta l-attur in gustifikazzjoni tat-talba tieghu fil-konfront tal-konvenut, liema spiegazzjoni ma gietx kontradetta, hija ferm kredibbli u tirrizulta bhala ghal kollox veritjera. B’hekk l-attur huwa gustifikat li jesigi minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ €5,025 rapprezentanti bilanc ta’ flus mahruga minnu a favur il-konvenut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba ta’ l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamest elef u hamsa u ghoxrin Euro (€5,025), bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta’ Marzu 2010, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 611/2010, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------